MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1083/1997/1

Joseph Meli
vs
Awtorita` ta’ l-Ippjanar u Dipartiment tax-Xoghlijiet.

Illum 7 ta’ April 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fit-28 ta’ Novembru 1997 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’ mod aktar preciz fi jew madwar is-snin bejn l-1992 u l-1995, huwa sofra ingustizzja fil-konfront tieghu minghand id-Dipartimenti intimati f’ li ma nghatax impjieg regolari, iccahhad minn promozzjoni regolarment dovuta lilu, kif ukoll ma thallasx arretrati dovuti lilu ta’ *overtime* li hadem;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal jahdem mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet bhala Casual Data Entry Operator f’ Dicembru 1989. Wara xi xahrejn mal-Water Works, huwa gie trasferit ghal mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet fis-Sezzjoni tal-Planning Services Division. Hawn kien, minbarra xoghol iehor, jiehu hsieb l-istores, u meta din is-sezzjoni eventwalment saret l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, ir-rikorrent gie on loan maghha;

Fl-1992, waqt li kien qieghed jahdem mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet, ir-rikorrent ghamel sensiela ta’ overtime, li tieghu thallas bis-siegha siegha, u mhux bis-siegha siegha u nofs, kif normalment jithallas dan it-tip ta’ xoghol; illi b’kollox ir-rikorrent ghamel aktar minn tliet snin jahdem l-*overtime* u dejjem jithallas b’din ir-rata ta’ siegha siegha; huwa ma kienx ressaq l-ilment tieghu mall-ewwel ghaliex peress li kien haddiem *casual*, dejjem beza’ li seta’ jigi tterminat;

Fl-1994 kienu hargu sejhiet ghall-pozizzjoni ta’ *Support Services Officer*, li kien impjieg regolari ma’ l-Awtorita` ta’ l-ippjanar; huwa applika regolarment u ghamel zewg *interviews*, izda meta rcieva r-rizultat, huwa gie mgharraf li kien gie kaz ta’ *borderline* u li kien ser jaqbez zewg gradi; ghaldaqstant ir-rikorrent ma nghatax dan l-impjieg;

3. Illi din id-diskriminazzjoni kif spjegat fuq giet ikkawzata mit-twemmin politiku tar-rikorrent, u ghaldaqstant tammonta ghal ingustizzja ai termini ta’ l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji; illi bhala konsegwenza diretta ta’ din id-diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, r-rikorrent sofra danni finanzjarji f’li ma nghatax il-hlas xieraq li ghalih kien intitolat bil-ligi ghall-*overtime* li hadem tul is-snin fuq elenkati, kif ukoll f’li gie mcahhad milli javvanza fil-karriera tieghu minhabba aspetti tat-twemmin tieghu li ma kellhom ikollhom ebda rilevanza u konnessjoni mad-decizjoni li jinghata l-impjieg li ghalih applika u ghamel l-*interviews*;

4. Illi r-rikorrent ghandu u kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni u jipprova skond il-ligi l-ilmenti tieghu x-xhieda elenkati ma’ dan ir-rikors, liema lista

tindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dawn l-ilmenti tieghu fuq deskritti li r-rikorrent sofra ingustizzji mill-konfront ta’ l-intimati, u dan ai termini ta’ l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li konsegwentement jinghata rimedju billi jigi ordnat li l-intimati jew min minnhom ihallsu adegwatament lir-rikorrent ta’ l-overtime kollu li huwa kien hadem, kif ukoll jaghtuh dik il-promozzjoni li kien gie mcahhad minnha, b’lura mid-data li harget,  jew alternattivament jekk dan ir-rimedju ghal xi raguni ma jistax jinghata, li jigi ordnat li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent kumpens f’ammont li jigi likwidat minn dan it-Tribunal.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-Risposta ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fejn wiegbet:

Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat li r-rikors ma sarx skond ir-rekwiziti stabbiliti fis-subartikolu (2)(a) tal-artikolu 7 ta’ l-Att VIII tal-1997 stante li r-rikorrent fir-rikors tieghu, nonostante li fil-korp jaghmel referenza ghal lista ta’ xhieda li kellu jannetti ma’ l-istess rikors, jirrizulta li l-istess rikorrent effettivament ma indikax min huma x-xhieda tieghu u wisq anqas ma ddikjara l-provi li behsiebu jistabilixxi permezz tax-xhieda taghhom skond kif rikjest mill-istess ligi, u dan apparti l-fatt li tali mankanza tippregudika serjament l-posizzjoni ta’ l-Awtorita` intimata li tiddefendi bl-ahjar mod il-kaz odjern migjub kontra taghha. Inoltre ghandu jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrent naqas li jindika d-dokumentazzjoni in sostenn tal-kaz tieghu stante li l-Awtorita’ intimata giet notifikata bir-rikors biss.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent qed jallega li sofra ingustizzja fil-konfront tieghu bazikament ghar-raguni li (a) ma thallasx arrettrati dovuta lilu fuq *overtime* li huwa hadem, (b) ma nghatax impjieg regolari, u (c) iccahhad minn promozzjoni.

(a) Ghal rigward l-allegazzjoni fuq hlas ta' arretrati fuq l-*overtime*, l-intimat jirrileva li fl-20 ta' Jannar 1998 l-Awtorita' hallset pagament ta' Lm154.18c lill-istess Joseph Meli rappresentati arretrati fuq 474.75 sieghat ta' *overtime* u cioe' l-valur tad-differenza ta' tali numru ta' sieghat ta' *overtime* mhallsa bis-siegha u nofs ghal kull siegha ta' xoghol mahduma, u dan ghall-perjodu mis-27 ta' Jannar 1995 sakemm ir-rikorrent effettivament ittermina l-impjieg tieghu ma' l-Awtorita' intimata (Dok. "JC1"). Ghandu jigi rilevat li l-pagament rigwardanti l-arretrati fuq l-overtime sar biss minn Frar 1995 sakemm ir-rikorrent temm l-impjieg tieghu ma' l-Awtorita` (April 1996) ghar-raguni li l-Awtorita` effettivament bdiet il-*payroll system* tagha propju fi Frar 1995 minn liema zmien 'l hawn hi ghandha r- *records* taghha u ghalhekk setghet thallas lir-rikorrent. Ghal dak li jirrigwarda z-zmien precedenti ghal Frar 1995 ghandu jigi rilevat li l-*payroll system* uzata mill-Awtorita` kient dik tal-Works Division tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici bil-konsegwenza li l-Awtorita`, nonostante li talbet lill-Works Division diversi drabi biex jissottometti n-numru ta' sighat ta' *overtime* mahduma mir-rikorrent biex hija tkun tista' thallsu ghalihom (tali informazzjoni) sal-lum ghadha ma gietx sottomessa mill-Works Division lill-Awtorita`), gia` ladarba ghad m'ghandhiex in-numru ta' sighat ta' *overtime* mahduma mir-rikorrent matul il-perjodu precedenti ghal Frar 1995 mhijiex f' pozizzjoni li thallsu taghhom. B'dan pero` illi hekk kif il-Works Division jissottometti l-informazzjoni minnu rikjesta, l-Awtorita` lesta tiggarantixxi li thallas lir-rikorrent ta' tali numru ta' sighat bir-rati ta' siegha u nofs ghal kull siegha mahduma.

(b) Illi ghal rigward it-tieni allegazzjoni ta' ingustizzja u cioe` li l-istess rikorrent ma nghatax impjieg regolari, ghandu preliminarjament jigi rilevat ghal beneficcju ta' dan it-Tribunal li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha qatt l-obbligu legali o meno li toffri (wisq anqas li tiggarantixxi) lir-rikorrent impjieg permanenti ma' l-istess Awtorita`, u dan kif jirrizulta anke mid-decizjoni li ta l-Ombudsman fuq dan il-mertu fil-kaz lil-istess rikorrent ressaq quddiem (Dok. "JC2"), f' liema kaz ir-rikorrent ma ipproduca ebda dokumentazzjoni li tissostanzja tali allegat obbligu da parti

ta’ l-Awtorita` stante fir-rejalta` din ma tezistix. Di fatti, nonostante li r-rikorrenti kien qed jahdem ma l-Awtorita` bhala *casual data entry operator* fuq bazi ta’ *casual worker*, ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-istess rikorrent bbenefika mill-beneficcji kollha li jgawdu l-impjegati *full time* inkluz *sick leave*, *annual leave u bonus*, fejn ghandu jigi ccarat li huwa bbenefika minn tali beneficcji *ex gratia* u mhux biex (minn fuq!) jargumenta li dawn b’ xi mod tefghu obbligazzjoni fuq l-Awtorita` li toffrilu impjieg permanenti ghar-raguni li huwa kien qed jibbenefika ruhu minnhom.

(c) Illi ghal rigward it-tielet allegazzjoni ta’ ingustizzja u cioe` illi r-rikorrent ccahhad minn promozzjoni, ghandu jigi rilevat illi fiz-zmien precedenti ghal meta r-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni, ix-xoghol tar-rikorrent kien bazikament jikkomprendi il-*purchasing* u d-distribuzzjoni ta’ oggetti ta’ *stationery* fi hdan is-*Support Services Unit*. Ghandu jigi rilevat li l-Awtorita` genwinament ipprovat timmeljora l-kundizzjonijiet ta’ xoghol ta’ l-istess rikorrent u f’ Novembru 1995 l-istess Awtorita` kienet harget *call for applications* interna (Dok. “JC3”) ghal grad ta’ *assistant support services officer* (u mhux ghal support services officer kif asllega r-rikorrent) fejn jirrizulta li l-uniku applikazzjoni sottomessa kienet dik tar-rikorrent. Wara li sarlu l-*interview* relattiv, l-*Interviewing Board* sussegwentement u cioe` f’ Dicembru 1995 kien irrakomanda lir-rikorrent ghal tali grad, b’dan pero` li l-Awtorita` la qatt ikkomunikat ir-rizultat ta’ l-*interview* lir-rikorrenti u lanqas ma hattret ufficjalment lir-rikorrent ghal tali grad ghar-ragunijiet kif ser jinhghad `il quddiem.

Illi jirrizulta` li fil-bidu ta’ Jannar 1996 ir-rikorrent kien gie allokat ufficcju fl-Arkivji ta’ l-Awtorita` fejn huwa bazikament baqa’ jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel, fejn ghandu jigi pprecizat li x-xoghol ta’ *purchasing* u distribuzzjoni ta’ oggetti ta’ *stationery* kien jaghmlu r-rikorrent biss. Fil-15 ta’ Jannar 1996 jirrizulta li r-rikorrent kien hareg bis-*sick leave* fit-tul sa’ l-1 ta’ Marzu 1996 f’ liema perjodu s-superjur tieghu s-*Support Services Officer* Emanuel Bonavia ntebah li r-rikorrenti fuq diversi ordnijiet ta’ xoghol kien qed jordna kwantijiet eccessivi ta’

*stationery* u cioe` ferm aktar mill-bzonnijiet ta' l-Awtorita` bil-konsegwenza li l-istess rikorrent kien qed idahhal lill-Awtorita` fi spejjez inutili oltre` l-hela ta' l-istess materjal. Meta rrizulta li tali tipi ta' ordnijiet kienu qed isiru ripetutament, is-superjuri tieghu ghal diversi drabi wissew lir-rikorrent biex ma jibqax jaghmel ordnijiet eccessivi ghal bzonnijiet ta' l-Awtorita`. Jirrizulta li r-rikorrent ma tax widen ghal tal-wissijiet bil-konsegwenza li sussegwentament ir-rikorrent gie rilaxxjat mid-dmirijiet ta' *purchasing* ta' oggetti ta' *stationery* u thalla biss jaghmel xoghol ta' distribuzzjoni ta' dawn l-oggetti.

Illi jirizulta, u dan kif ser jigi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, li l-istess rikorrent lanqas ix-xoghol ta' distribuzzjoni ta' *stationery items* ma kien qed jaghmel sew u ghal dan oltre li gie mwissi mis-superjur tieghu Emanuel Bonavia, kien gie *reprimanded* darbtejn fuq tali nuqqas mill-Business Manager Steve Caruana. Illi , di piu`, ghandu jigi rilevat li l-istess rikorrent hu bniedem difficli biex tahdem mieghu stante l-agir aggressiv pjuttost kostanti tieghu kemm ma' kollegi kif ukoll ma' superjuri tieghu, u xhieda ta' dan ser jigu prodotti employers impjegati kollegi precedenti tieghu kif ukoll l-*employer* u impjegati kollegi tal-post tax-xoghol sussegwenti ghall-impjieg tieghu ma' l-Awtorita`.

Illi sussegwentament jirrizulta li permezz ta' ittra datata 15 ta' April 1996 (Dok. "JC4") ir-rikorrent kien irrizenja b' effett mill- 20 ta' April 1996 minn ma' l-Awtorita`, u skond l-istess rikorrent dan kien ghamlu ghax ikien sab impjieg iehor b' kundizzjonijiet ta' xoghol ferm ahjar.

Ghaldaqstant l-esponent talab li invista tal-permess dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li l-istess ma ghamlet ebda ingustizzja, u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaqta' u jiddeciedi li l-ilmenti tar-rikorrent mhux gustifikat u sussegwentament ma jirrakkomandax (a) li l-Awtorita` kellha obbligu li toffrilu impjieg permanenti (b) il-promozzjoni pretiza mir-rikorrent, u lanqas (c) li r-rikorrent jithallas il-kumpens minnu pretiz, u dan skond l-Att VIII ta'

l-1997 dwar it- Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-intimat, id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet ta' l-Ippjanar fejn wiegeb:-

Illi r-rikorrent gie mpjegat bhala Casual Data Entry Operator mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet b' effett mit-18 ta' Dicembru 1989. Hu gie attaccjat ghal ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar b'effett minn Dicembru 1992. Eventwalment ir-rikorrent irrizenja b' effett mill-20 t' April 1996.

Illi r-rikorrent ma' sofra ebda forma ta' ngustizzja minhabba l-fatt li s-sejha li dahal biha kienet tistipula kjarament li l-impjieg kien ta' natura purament temporanja u setgha jigi tterminat mis-Segretarju, meta dawn is-servizzi ghal xi raguni ma jkunux aktar mehtiega.

Illi l-procedura dejjem kienet li haddiema kawzali jithallsu overtime bir-rata ta' siegha siegha.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra' l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi b'avviz ippublikat fil-gazzetta tal-gvern tal-harga tas-27 ta' Ottubru 1989 (fol 16) gew mitluba applikazzjonijiet ghal "casual data entry operator". Ir-rikorrent applika, gie accettat u f'Dicembru 1989 beda jahdem mal-Water Works fuq minimum wage. Wara xi xahrejn gie trasferit fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fil-Planning Division imbaghad lill-Awtorita tal-Ippjanar fejn kien fuq self mid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien habbrieki ghax-xoghol, efficjenti u zgur illi beda jwettaq dmirijiet illi kienu superjuri ghal grad tieghu. Mill-ewwel beda jahdem bl-overtime u kien qed jithallas

bis-siegha siegha flok siegha siegha u nofs bhal haddiehor. Fl-1994 saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghal “Support Services Officer”, ir-rikorrent gie sottomess ghal zewg interviews pero` ma ntaghzilx. Jghid li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu minhabba t-twemmin politiku tieghu.

B’ittra dattata 15 ta’ April 1996 (fol 12) ir-rikorrent baghat ir-rizenja tieghu u ta’ bhala raguni “mental torture”. Wara intervent ta’ l-Ombudsman permezz ta’ ittra tat-23 ta’ April 1997 ir-rikorrent thallas l-ammont ta’ Lm154.18 li hija d-differenza ta’ l-overtime bejn siegha u siegha ghal siegha u siegha u nofs bejn is-27 ta’ Jannar 1995 u l-31 ta’ Dicembru 1995. Ir-raguni moghtija l-ghala ma thallsux ta’ qabel hija illi lAwtorita ta’ l-Ippjanar bdiet tikkompjuterizza s-sistema taghha dawk iz-zminijiet u ma kelliex records ta’ dak illi gara qabel.

Ikkunsidra

L-intimati taw bhala raguni principali il-ghala t-Tribunal ma kellux jilqa’ t-talba tar-rikorrent bhala l-fatt li l-impjieg tieghu kien wiehed purament temporanju illi seta’ jigi terminat fi kwalunkwe hin. It-Tribunal ra l-avviz tal-gazzetta tal-gvern (fol 16) fejn f’paragrafu 3 inghad: “this employment is of an entire temporary nature and may be terminated at the discretion of the Secretary, Ministry for Development of the Infrastructure, when such services are, for any reason, no longer required.”

Hija l-fehma tat-Tribunal illi meta l-avviz jitkellem dwar “entirely temporary nature” ma jfissirx impjieg regolari u kostanti ta’ seba’ snin!

L-avviz kien qed jitkellem dwar xi haga specifika ghal zmien temporanju illi ma kelliex issarraf f’impjieg permanenti ghal zmien indefinit, veru li fl-avviz ma hemm l-ebda terminu indikat, pero il-kelma temporary zgur ma tfissirx impjieg indefinit. Dan huwa propju dak illi gralu r-rikorrent fejn dahal bil-premessa li kellu jkun impjegat ghal zmien qasir fuq bazi temporanju biex spicca biex jaghmel xoghol iktar mill-grad tieghu tul medda ta’ seba’ snin biex

imbaghad meta talab li jitqieghed "on a permanent basis" din giet rifjutata.

M'hemmx dubju li r-rikorrent gie trattat hazin u saret ingustizzja mighu minkejja li d-dokumenti u xhieda urew illi r-rikorrent kien bil-ghaqal, efficjenti u habbrieki fix-xoghol u zgur li kien qed jaghmel xoghol oltre l-grad tieghu madankollu meta talab li jigi mpjegat fiss din it-talba giet rifjutata. Kien sforz ta' l-Ombudsman illi huwa nghata parti mill-kumpens ghal overtime illi kien haqqu. Mhijiex skuza ta' l-intimati illi jghidu li ma kellhomx records ta' dak illi gara qabel l-1995.

Gie ampjament ippruvat illi r-rikorrent stante l-kapacitajiet tieghu gie mitlub sabiex jahdem overtime kwazi mill-bidu nett ta' l-impjieg tieghu u dejjem thallas inqas minn haddiehor ghal istess xoghol. Mhijiex skuza anqas li jinghad illi r-rikorrent kien qieghed fuq bazi temporanja allura ma kellux dritt bhal haddiehor la x-xoghol kien l-istess. La l-oneri u l-obbligi li assuma r-rikorrent kienu l-istess bhal ta' haddiehor allura dan kellu d-dritt illi jircievi l-istess hlas bhal haddiehor.

It-Tribunal hawnhekk jkompli fuq l-ittra ta' l-Ombudsman tat-23 ta' April 1997 (fol 9) u jikkondividi l-fehma tieghu illi "employees who work for more than 8 hours per day or more than 40 hours per week over a period of time should be entitled to the payment of overtime at the rate applicable to permanent employees." Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu jithallas ghad-differenza fl-overtime bejn l-1992 u l-1995.

Ghal dak li jirrigwarda l-promozzjoni ghal "Support Services Officer" b'effett mill-1994 it-Tribunal m'ghandux informazzjoni bizzejjed il-ghaliex l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda. Ghandna biss id-dikjarazzjoni tar-rikorrent fejn gie mgharraf li kien "a border line case" u ma giex maghzul. Dan seta' kien il-kaz, pero jibqa' l-fatt illi r-rikorrent kien qed jaghmel xoghol li jmur oltre l-grad tieghu u ta' dan ghandu d-dritt jigi kkumpensat. Peress li r-rikorrent irrizenja volontarjament b'ittra tal-15 ta' April 1996 mhux il-kaz li t-Tribunal jordna illi tinghatalu xi

promozzjoni ghad illi, mehud in konsiderazzjoni l-gravita ta' l-ingustizzja li r-rikorrent sofra fejn, minkejja s-servizz efficjenti li ta, r-responsabbilita illi gie mgieghel jerfa, meta talab illi jiehu dak li haqqu l-istess bhal l-impjegati l-ohra, gie moghti l-iskuza li l-impjieg tieghu kien wiehed kazwali u temporanju u ghalhekk negat kull avvanz.

Dan it-Tribunal qed jiccensura bl-aktar mod qawwi. It-Tribunal jidhirlu illi ta' dan ir-rikorrent haqqu kumpens minghand l-intinati u li qed jiffissa "arbitrio bono viri" fis-somma ta' Lm2000. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------